Gozo Association for the Deaf
c/o Kennija, Triq Salvu Gambi - Ghasri GRB 103 - Gozo - Malta

Telephone: (+356) 2155 6382 - Fax: (+356) 2155 0020
Email: info@gadngo.com - Website: www.gadngo.com

# Newsletter

1/2006

## 1. Jum it-Twaqqif tal-Gozo Association for the Deaf

Nhar il-Hadd, 21 ta' Mejju 2006, jahbat it-tmintax l-anniversarju mit-twaqqif tal-Gozo Association for the Deaf. Quddiesa ta' ringrazzjament se tigi ccelebrata mill-Eccelenza Tieghu l-Isqof Emeritus ta' Ghawdex, Nikol Cauchi fil-knisja tal-parrocca ta' l-Ghasri fil-5.15 pm. Din il-knisja hija l-ewwel knisja f'Ghawdex li fiha giet installata *loop system* ghall-beneficcju ta' dawk il-persuni li juzaw il-hearing aids. Bis-sahha ta' din is-sistema dawn il-persuni jisimghu iktar car u ghalhekk jkunu jistghu jippartecipaw iktar waqt il-quddiesa u funzzjonijiet ohra tal-knisja. Is-switch tal-hearing aids irid jitqieghed fil-pozizzjoni (T) biex wiehed ikun jista' jibbenefika minn din is-sistema.

Wara il-quddiesa, min jixtieq jkompli jiccelebra, jista' jigi ghall-pizza f'restorant, ix-Xlendi, "Il-Gifen". Il-prezz ta' LM 2.50 jinkludi pizza li wiehed jista' jaghzel mill-menu u soft drink jew tazza inbid. Min irid jigi ghall-pizza, ghandu jcempel biex jibbukja, tel 21552495, 21560033 jew 99864604 sa mhux aktar tard miss-Sibt, 13 ta' Mejju, 2006.

Dawk li jixtiequ trasport ghall-knisja u ghax-Xlendi jcemplu tel. 21552495, 21560033 jew 99864604 sa mhux aktar tard mis-Sibt 13 ta' Mejju, 2006.

## 2. Mizata tas-shubija

Nixtiequ nfakkru lil dawk kollha li ghad ma hallsux il-mizata ta' LM 2.00 ghal din is-sena biex jaghmlu dan kemm jista' jkun malajr.Min ma jhallasx is-shubija mhux intitolat ghas-servizzi li toffri l-Gozo Association for the Deaf.

3. **Website u indirizz ta' l-email godda**

F'Novembru 2005 il-G.A.D. waqqfet website gdida. Din tinstab fuq is-sit: www.gadngo.com

Il-website fiha informazzjoni fuq l-assocjazzjoni u ghandha links ma' organizzazzjonijiet ohra.

L-indirizz tal-email l-gdid huwa :info@gadngo.com

Grazzi hafna lil Erica Spiteri li vvoluntarjat biex tiddizenja il-website u taghmel l-updates kull meta ikun mehtieg minghajr hlas.

4. **Fuljett gdid dwar il-G.A.D.**

Ghal dawk kollha li mhumiex intizi fuq il-kompjuter, il-G.A.D. harget fuljett gdid li fih nformazzjoni dwar is-servizzi u xoghol ta' l-Assocjazzjoni. Dan il-fuljett qed jintbaghat ma' din in-newsletter.

5. **Suggerimenti**

L-ghan principali tal-G.A.D. hu li tkompli tithabat biex taghti servizz tajjeb lill-membri taghha u anke tara li s-servizzi moghtija mill-istat huma adekwati u ta' kwalita biex il-problemi li persuni neqsin mis-smigh qed jiffaccjaw jonqsu kemm jista' jkun possibli. Ghalhekk jekk hemm xi membri li jixtiequ jaghmlu suggerimenti jew jaghtu xi idejat jew inkella jistghu jghinu b'xi mod jew iehor, ghandhom jikkuntatjaw lill- G.A.D. bit-telefon, email jew bil-posta.

6. **Talba ghal iktar voluntiera**

Hemm bzonn kbir ta' voluntiera biex ighinu fil-hidma tal-G.A.D. specjalment kull nhar ta' Gimgha bejn il-5.00 u s-7.00 pm, meta c-Centru ikun miftuh ghall-membri. Dawk li jixtiequ jghinu jew inkella jafu lil xi hadd li jrid jghin, ghandhom jikkuntatjaw lis-Segretarja fl-indirizz jew telefon t'hawn fuq.

Carmen Grech
Segretarja

5 th May 2006.